II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-27 ta' Settembru 2010**

**dwar l-iffirmar ta' Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u tal-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT)**

(2011/200/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'Mejju 2003, il-Kummissjoni Ewropea adottat Komunikazzjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew intitolata "Infurzar tal-Liġi tal-Foresta, il-Governanza u l-Kummerċ (FLEGT): Proposta għal Pjan ta' Azzjoni tal-UE" li sejħet għal miżuri biex jiġi indirizzat il-qtugħ illegali permezz tal-adozzjoni ta' ftehimiet ta' sħubija volontarja ma' pajjiżi li jipproduċu l-injam. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dan il-Pjan ta' Azzjoni ġew adottati f'Ottubru 2003 ([1]) u l-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni dwar is-suġġett fil-11 ta' Lulju 2005 ([2])

(2) Fil-5 ta' Diċembru tal-2005, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tibda negozjati dwar il-ftehimiet ta' sħubija biex ikun implimentat il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-FLEGT.

(3) Fl-20 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2173/2005 ([3]) li stabilixxa skema għall-għoti tal-liċenzji FLEGT fir-rigward tal-importazzjonijiet tal-injam lejn l-Unjoni minn pajjiżi li magħhom l-Unjoni kkonkludiet ftehimiet ta' sħubija volontarja.

(4) In-negozjati mar-Repubblika tal-Kamerun ġew konklużi u l-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u prodotti derivati minnu lejn l-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") ġie inizjalat fis-6 ta' Mejju 2010.

(5) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmat suġġett għall-konkluzjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija Volontarja bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kamerun dwar l-infurzar tal-liġi tal-foresti, il-governanza u l-kummerċ tal-injam u l-prodotti derivati lejn l-Unjoni Ewropea (FLEGT) huwa b'dan awtorizzat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim imsemmi.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni ([4]).

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tiffirma l-Ftehim f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu.

---

([1]) ĠU C 268, 7.11.2003, p. 1.
([2]) ĠU C 157E, 6.7.2006, p. 482.
([3]) ĠU L 347, 30.12.2005, p. 1.
([4]) It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Settembru 2010.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

K. PEETERS